Għajnsielem

**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**
**IT-TMIEN KUNSILL**
**SEDUTA NRU. 47– L-Erbgħa 23 ta' Jannar 2019**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fl-4:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Franco Ciangura | Sindku |
| | Kevin Cauchi | Viċi Sindku |
| | Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| | Peter Caruana | Kunsillier |
| | Kareen Xuereb | Kunsilliera |
| | Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |
| | | |
| | Ryan Mifsud | Ambaxxatur |

47.1 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Franco Ciangura.

**47.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

47.2.1 Inqraw il-Minuti u ġew ikkonfermati.

**47.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

47.3.1 Is-Sindku rrefera għall-kuntatt li kellu mas-Sur Charlie Zammit rigward kuntatti tajbin li għandu mal-post ta' fejn twieled il-Papa Ġwanni Pawlu II, fil-Polonja u fejn huwa suġġerixxa l-proposta għall-ġemellaġġ jew relazzjoni ta' ħbiberija. Il-Kunsill qabel li għandu jipproċedi b'din il-proposta għax il-Polonja huwa post tajjeb għal turiżmu reliġjuż.

47.3.2 Is-Sindku rrefera għall-proġett tal-arti li sseħibna fih 'Naqsam il-Muża'. Il-biċċiet tal-arti ġew imwaħħla fil-postijiet kif maqbula fil-laqħat preċedenti.

47.3.3 Is-Sindku rrefera wkoll għall-proġett ta' trinka fil-Gudja u għal fatt li dan baqa ma sarx. Huwa lmenta dwar il-fatt li waqajna lura f' ħafna xogħolijiet peress li l-kuntratturi mgħobbija bix-xogħol u ma aħniex niġu moqdija.

47.3.4 Is-Sindku rrefera għall-proġett ta' Pjazza Tolfa fejn tlabna lill-Perit jaqsam ix-xogħol f'diversi kuntratti u għadna nistennew minn għandu.

47.3.5 Is-Sindku rrefera għal-laqgħa li kellu rigward il-light polution. Is-Sindku lmenta dwar il-fatt li l-Playing field jinsab mudlam. Sar qbil li għandna naraw kif nistgħu nimpruvjaw id-dawl hemm.

47.3.6 Is-Sindku talab sabiex jitwaħħlu t-tabelli tal-playing field u tabelli tal-heavy traffic.

47.3.7 Is-Sindku talab ukoll sabiex nipproċedu fuq it-talba li kellna sabiex jinbidlu t-tapiti tal-playing field. Sar qbil li għandna niġbru stimi u nipproċedu fuq l-orħos waħda.

47.3.8 Is-Sindku propona li nagħmlu upgrade lil playing field tal-Gudja u wkoll nistgħu ninkludu boċċi pitch fih.

47.3.9 Il-Kunsillier Larry Buttigieg rrakkommanda li għandna nagħmlu tshirt biex nisponsorjaw l-isport tradizzjonali tal-logħob tal-boċċi f'Għajnsielem.

47.3.10 Is-Sindku ħabbar ukoll li l-Kunsill irnexxielu jikseb proġett ieħor taħt il-Miżura 4.4 permezz ta' bini ta' ħitan tas-sejjieħ fi Triq ix-Xatt l-Aħmar u restawr tal-arkata fil-Wied il-Kbir.

47.3.11 Is-Sindku rrefera wkoll għall-electric minivan u għal fatt li għadha kemm waslet Malta. Sar qbil li għandna naraw x'sistema ser naddottaw. Sar qbil li għalissa nibdew nagħtu servizz għall-anzjani biex jiġu l-berġa u wkoll ħarġa nhar ta' Hadd. Sar qbil li kollox għandu jsir b'booking minn qabel through l-uffiċju tal-Kunsill. Sar qbil ukoll li għalissa l-minivan tinstaq mill-ħaddiem Frankie Saliba.

## 47.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

47.4.1 Il-Viċi Sindku rrefera għall-kuntatt li kellu rigward l-għarqa tal-Banċinu li ser tagħlaq 83 sena. Huwa propona li għand ssir plakka bl-istorja tal-banċinu u l-isem ta' dan il-persuna minn Għajnsielem li tilef ħajtu f'din id-diżgrazzja. Sar qbil li wara għandna nikkuntatjaw lill-Ministeru għal Għawdex u nitolbuhom sabiex inwaħħluha x'imkien mal-belvedere taż-Żewwieqa.

47.4.2 Il-Viċi Sindku Kevin Cauchi talab sabiex inpoġġu bin ieħor ħdejn il-gabbana Fuli Kiosk. Sar qbil dwar dan jew naraw nippruvawx nagħmlu wieħed tar-recycling.

47.4.3 Il-Kunsilliera Karen Xuereb ressqet it-talba sabiex jiġi nstallat bin xħin toħroġ minn Taħt Chambray peress li l-area tintuża bħala picnics. Is-Sindku esprima t-tħassib tiegħu li jekk nagħmlu bin hemmhekk inkunu nistgħu nagħtu lok biex noħolqu miżbla.

47.4.4 Il-Kunsillier Larry Buttigieg fakkar lill-kunsill sabiex inħallsu lit-Tabib Michael Portelli l-ammont ta' €100 u lill-infirmiera Mary Grace Zerafa , l-ammont ta' €40 għall-assistenza tagħhom fl-għoti tal-labra tal-influenza. Sar qbil li għandhom jinħarġu dawn il-pagamenti.

47.4.5 Il-Kunsillier Larry Buttigieg ressaq it-talba tal-Kumitat tal-Isnooker dwar sponsorship tal-kampjonat. Il-Kunsill qabel li għandu jħallas il-kiri tas-sala bħas-soltu li jammonta għal €300.

## 47.5 Korrispondenza u Rapporti

47.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat kopja tal-emendi mressqa mill-Pulizija għall-kuntratt tal-użu tal-għassa tal-pulizija. Kullma żiedu bħala emenda għad-draft tal-Kuntratt ta' qabel hija l-frażi li klawsola numru 7 tiġi taqra hekk : " *The lender, before terminating this agreement, or in the absence of intention to renew this agreement upon expiration, before such expiration, shall find alternative premises to be used as Police Station by the borrower and shall give notice to the borrower at least one (1) year prior to the termination of the agreement.* Il-Kunsill qabel ma' dan u sar qbil li għandna ninfurmawhom li jista' jiġi ffirmat. Il-Kunsill qabel mal-emendi u qabel li ghandu jipprocedi bl-iffirmar ta' dan il-kuntratt.

47.5.2 Saret referenza għall-korrispondenza mibgħuta mid-Dipartiment tal-Artijiet rigward art fl-area magħrufa Ta' Passi fejn bagħtu pjanta biex fuqha nimmarkaw art li intużat u anke ma ntużatx u anke art fejn għandha tiġi mgħoddiha lura lill-gabillott. Il-Kunsill qabel li għandu jimmarka l-artijiet li għandu jgħaddi lura l-gabilott u jindika wkoll il-parti li jrid iżomm.

47.5.3 Ġiet trattata in-notifika ta' nfurzar maħruġa mill-Awtorita' tal-Ippjanar għal ksur ta' kontroll tal-ippjanar f'Our Dream, Triq Franġisk Cauchi, Għajnsielem.

47.5.4 Ġiet trattata l-ittra mingħand id-Diretturi ta' MT Properties Ltd rigward bankina quddiem is-showroom fi Triq l-Imgarr fejn qed jitolbu 'No objection' mingħand il-Kunsill. It Triq saret minn Transport Malta u n-no objection għandha toħroġ minn Transprt. Il-Kunsill qabel li għandu jirrispondi li Triq l-Imġarr mhix kompetenza tagħna.

47.5.5 Ġiet trattata l-invoice mingħand il-Patrijiet Franġiskani għall-organizazzjoni tal-kunċert li nżamm fl-4 ta' Jannar 2019 fejn talbuna l-ispiża ta' €300. Il-Kunsill qabel li għandu jikkollabora b'nofs l-ispiża, għall-ammont ta' €150.

47.5.6 Ġiet trattata l-korrispondenza mingħand Joseph Galea rigward il-miġja tal-maġi u l-grupp li kien qed jakkumpanjahom. Il-Viċi Sindku talab li sabiex jitnaqqsu dawn it-tip ta' lmenti għandu jkun hemm sett ta' linji gwida u nimxu magħhom ta' kull sena. Is-Sindku fisser kif dan it-trip tal-Migja tal-Magi bħala rapprezentanti qed ikun jikkonsisti fit-tlett Slaten Maġi, membru mill-Għaqda Drammatika u membru minn kull għaqda. Huwa semma li l-oħrajn li telgħu ħallsu minn buthhom u li ħadd ma ġie avviċinat għal xi safar. Huwa semma' li s-Sur Galea fl-ebda ħin ma avviċina lil xi ħadd li huwa nteressat jitla' Bethlehem għax kull min wera nteress ħadd ma ġie rifjutat. Is-Segretarja rreferiet għal fatt li l-parteċipanti għall-Miġja tal-Maġi għandu b'xi mod jiġi limitat għax qiegħed ta' kull darba jkun ta' piż finanzjarju. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet ukoll l-attenzjoni dwar il-ħtieġa urġenti li l-Kumitat Bethlehem, f'Għajnsielem jerġa jieħu sura aktar b'saħħitha għax il-piż ta' responsabilitajiet qed jaqgħu kollha fuq il-Kunsill speċjalment fejn jidħlu d-donazzjoniet u l-pagamenti tagħhom.

47.5.7 Ġiet trattata wkoll il-problema ta' drenaġġ miżdud fi Triq Malta. Din il-kwistjoni ilha ħafna tiġi diskussa. Id-Dipartiment tad-Drenaġġ iċċekjawha u rriċulta li hemm sadd bejn il-proprjeta u l-main. Sar qbil li peress li jista jkun li dan is-sadd sar b'terrapien waqt li saret it-triq, il-Kunsill għandu jassumi r-responsabilita' u jsewwi l-problema. Sar qbil li għandna nqabbdu li P J Debono biex iqattgħu t-trinka biex tissolva l-problema.

47.5.8 Ġiet trattata t-talba mingħand Christian Xuereb sabiex tiġi nstallata mera faċċatta ta' Sqaq maġenb ix-Xagħri fi Triq Cordina. Sar qbil li ghandna nitolbuh ritratt biex naraw ezatt fejn jinhtieg issir.

47.5.9 Ġiet trattata t-talba mingħand Maureen Apap, sabiex issir barrier biex ma jipparkjawx quddiem l-entratura tal-gym. Sar qbil li għandna nitolbuha r-raġuni għaliex din hija meħtieġa.

47.5.10 Ġiet trattata t-talba mingħand Margaret Azzopardi sabiex tittranġa biċċa żgħira mill-bankina quddiem Lormar, Triq il-Ġnien. Sar qbil li din għandha ssir.

47.5.11Ġiet trattata t-talba mingħand Guido Gauci, sabiex tiġi nstallata bozza ġdida fi triq Frangisk Mizzi. Sar qbil li ghandna niccekjaw ezatt mas-sidien tal-appartament jekk jaċċettawx li teħel hemm.

47.5.12 Ġiet trattata talba mingħand Michael Spiteri għall-bozza ġdida ma' arblu fi Triq il-Baħħara. Din it-talba giet aċċettata.

47.5.13 Ġiet trattata t-talba mingħand John Sultana biex il-kuntrattur ta' l-iskart jibda jgħaddi fl-aħħar bicca ta Triq Simirat peress li ir-residenti qed joħorgu iż-żibel quddiem l-għalqa tiegħu. Sar qbil li għandna ninformaw lill-Kuntrattur b'dan in-nuqqas u li għandna nerġghu nniedu kampanja nformattiva dwar il-ġbir tal-iskart.

47.5.14Ġiet trattata l-email mingħand Christian Bonello rigward volum kbir ta' ilma tax-xita li jgħaddi minn quddiem ir-residenza tiegħu fi Triq Wied ir-Rgħajjes. Il-Kunsill qabel li nistgħu noffrulu hu li jimla quddiem tiegħu u nagħmlu ftit cement b'tali mod li ma jaqlibx il-ġewwa.

47.5.15Ġiet trattata talba għall-mera fi Triq Simirat faċċata ta' Triq Latini. Din it-talba ġiet approvata.

47.5.16Ġiet trattata talba għal Stop Sign fi Triq il-Latini kantuniera ma' Triq Simirat. Din it-talba ġiet aċċettata u sar qbil li għandna nibgħatu lid-Dipartiment tat-Toroq biex jiżbgħu dawn is-sinjali.

47.5.17 Ġiet trattata t-talba sabiex titwaħħal bozza ġdida fi Triq Dun Frangisk Mizzi.

47.5.18 Ġiet trattata t-talba mingħand Mary Anne Debono sabiex issirilha bankina ġdida peress li tagħha hija miksura.

47.5.19Ġiet approvata t-talba għall-bozza fit-tarf ta' Triq Hamri u ser teħel bejn iż-żewġ residenzi bi qbil bejn it-tnejn.

47.5.20 Ġiet trattata t-talba ta' Cetta Vella sabiex jinbidel il-madum tal-bankina tar-residenza tagħha fi Triq Benghazi u lesta li tipprovdi l-madum hi. Din it-talba ġiet approvata.

47.5.21Ġie trattat il-kuntratt tal-ħaddiema tal-CWESF. Sar qbil li għandu jiġi ffirmat il-mandat li nħallu lill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali tinnegozja hi f'isimna.

47.5.22 Ġiet tratata t-talba minghand John Xuereb għall-bozza ġdida fi Triq Xprunara kantuniera ma' Triq Guzeppi Cauchi.

47.5.23Il-Viċi Sindku Kevin Cauchi talab sabiex isir ftit patching bis-cement quddiem ir-residenza ta' Margaret Buttigieg fi Triq Ġużeppi Cauchi.

47.5.24Il-Kunsillier Larry Buttigieg talab sabiex jimtlew ħofor kbar li hemm quddiem il-gabbana ħdejn il-Heliport.

## 47.6 Wara Bethlehem f'Għajnsielem

47.6.1 Is-Sindku rrefera għall-għaxar edizzjoni ta' Bethlehem f'Għajnsielem bħala suċċess kbir u li għaliha kien hemm numru ta' viżitaturi rekord. Rigward il-Miġja tal-Maġi kienet ukoll suċċess u l-vjaġġ mill-Belt saċ-Ċirkewwa intlaqgħu tajjeb ħafna. L-irħula li ospitawna laqgħuna tajjeb ħafna. Sar qbil li għandha ssir 'Get Together' għal-atturi. Sar qbil li għandna nibgħatu talba lill-għaqdiet kollha fejn nitolbuhom lista tal-parteċipanti biex nagħtuhom Ċertifikat ta' Parteċipazzjoni. Sar qbil li l-Get Together għandhu jsir fil-Grand Hotel nhar il-Ġimgħa 1 ta' Frar 2019 fid-7:30pm.

## 47.7 Approvazzjoni tar-rapport tal-Evalwazzjoni ta' Triq il-Provigarju

47.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat ir-rapport tal-evalwazzjoni tal-offerta tar-Resurfacing ta' Triq il-Provigarju. Bħala offerti kien hemm żewġ offerti mitfugħin;

Road Structures Ltd €108,133.00 eks VAT
Gatt Tarmac Ltd €116,612.10 eks VAT

47.7.2 Il-Bord irrakkommanda li tingħazel l-orħos waħda, dik ta' Road Structures Ltd għall-prezz ta' €108,133.00 eks VAT u li għandha tintbgħat l-ittra ta' aċċettazzjoni kemm jista jkun malajr.

47.7.3 Sar qbil li ghandha tintbghat l-ittra tal-accettazzjoni lil Road Structures Ltd.

## 47.8 Approvazzjoni tar-rapport tal-Evalwazzjoni tal-offerti tal-Latrini Pubbliċi

47.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat ir-rapport tal-evalwazzjoni tal-offerti tal-Latrini ta' Pjazza Madonna ta' Loretu u Latrina tal-Imgarr.

47.8.2 L-offerti mitfugħin kienu kif gej:

Latrina Pjazza Madonna ta' Loretu;

Għajnsielem Football Club €3,745 eks VAT
Nicholas Zammit €4,810 eks VAT

47.8.3 Il-Bord irrakkommanda li tingħazel l-orħos waħda, dik ta' Għajnsielem Football Club għall-prezz ta' €3,745 eks VAT u li għandha tintbgħat l-ittra ta' aċċettazzjoni kemm jista jkun malajr.

Latrina Mgarr Terminal:

Għajnsielem Football Club €4,750 eks VAT
Nicholas Zammit €3,229 eks VAT

47.8.4 Il-Bord irrakkommanda li tingħazel l-orħos waħda, dik ta' Nicholas Zammit għall-prezz ta' €3,229 eks VAT u li għandha tintbgħat l-ittra ta' aċċettazzjoni kemm jista jkun malajr.

## 47.9 Karnival 2019

47.9.1 Sar qbil li l-Karnival 2019 f'Ghajnsielem ser jinzamm nhar is- Sibt 2 ta' Marzu 2019 mis-13:30pm'l quddiem. Bħala preżentaturi ser nistiednu lid-Dulli u Veronica. Sar qbil li bħala budget għandna nipprovaw ma naqbżux l-€2000.

Bħala kompetizzjonijiet ser nagħmlu l-istess kompetizzjoniet inkluż il-kukkanja b'żieda ta' kategorija għall aħjar puschair jew karru sa metru kwadru.

## 47.10 Approvazzjoni tal-Performance bonus tal-impjegati

47.10.1 Is-Sindku Franco Ciangura preżenta l-Performance Appraisal tas-Segretarju Eżekuttiv Lucienne Haber. Huwa propona li s-Sinjura Haber tingħata l-Performance Bonus massimu ta' 10% tas-salarju tagħha peress li twettaq xogħolha tajjeb ħafna u taqbeż il-limitu biex tara lill-Kunsill jimxi ' l quddiem u jispikka fuq oħrajn. Il-Kunsilliera qablu unanimament ma' dan. Is-Segretarja minn naħa tagħha rringrazzjat lill-Kunsill tal-fiduċja li għandhom fiha u tal-apprezzament ta' xogħolha.

47.10.2Is-Segretarja minn naħa tagħha rrakkommandat li l-impjegati jingħataw il-massimu tal-Performance bonus tagħhom dak ta' 6% peress li lkoll jagħmlu xogħolhom tajjeb ħafna u b'dedikazzjoni. Il-Kunsill qabel ma' dan.

## 47.11 Laqgħa tal-Lokalita'

47.11.1 Sar qbil li l-Laqgħa tal-Lokalita' għandha tinżamm nhar l-Erbgħa 13 ta' Frar 2019 fis-6:00pm fis-Sala tal-Kunsill. Sar qbil li għandna noħorġu avviż biex nistiednu lir-residenti li isimihom jidher fuq ir-reġistru elettorali.

47.11.2 Is-Sindku propona wkoll li jixtieq li fil-futur qarib jinżamm weekend ta' Team Building bejn il-Kunsill u l-Għaqdiet tal-Lokal. Huwa semma' li d-Diretturi tal-Grand Hotel lesti li joffru l-premises tagħhom b'xejn għal din l-attivita.

## 47.12 Proġett tat-taraġ u monument

47.12.1 Is-Sindku għamel referenza għall-proġett tat-taraġ u għal fatt li lestew il-fażi tal-konkos. Il-Viċi Sindku Kevin Cauchi hawnhekk irrefera għall-ilmenti mingħand xi nies li t-turġien huma dojoq. Is-Sindku kkonferma li t-tarġa ser tkun wiesgħa pied. Huwa spjega wkoll il-fatt li l-perit fassal bankina ta' metru hekk kif jispiċċa t-tarag u li tibqa ddur mal-bankina ta' fuq. Il-Viċi Sindku talab sabiex jekk hemm xi ħaġa li nistgħu nagħmlu biex nirrimedjawh għandna nagħmluha issa. Sar qbil li għandna nkellmu lill-perit u naraw li jekk hemm xi rregolarita' fit-taraġ, naraw jistax b'xi mod jiġi kkoreġut. Is-Sindku propona sabiex fit-tarf tat-taraġ isir arloġġ tax-xemx. Il-Viċi Sindku Kevin Cauchi talab lis-sindku jikkunsidrax jerġa jħawwel sigra. Is-Sindku semma' li din hija diskutibbli iżda rridu nippreparaw qabel ma jingħata l-konkos.

47.12.2 Is-Sindku rrefera għal fatt li għandna nistennew l-approvazzjoni tad-Direct Order għall-monument mingħand id-Dipartiment.

## 47.13 Proġett Triq il-Brieghen u Xatt l-Aħmar

47.13.1Is-Sindku Franco Ciangura rrefera għal fatt li x-xogħolijiet fuq Triq il-Brieghen inbdew . Sar qbil li għandna nħallu metru fuq naħa waħda tat-triq biex eventwalment issir it-trinka tal-fibre optic u mbagħad isir ir-resurfacing tat-trinka li tagħqqad mal-kumplamemt tal-proġett.

## 47.14 Proġett Triq Hamri

47.14.1Is-Sindku rrefera għal fatt li Triq Hamri ma tistax tinbeda minħabba li jinħtieġ li tgħaddi trinka tal- Enemalta. Huwa rrefera għall-fatt li bgħatna email fejn tajna deadline lil Enemalta li jekk iridu jagħmlu t-trinka trid titlesta sal-aħħar ta' Frar. Jekk ma jonorawx din it-talba mhux ser ikollna triq oħra għajr li nipproċedu mingħajrha u ndaħħlu kundizzjoni li ma jkunux jistgħu jitqattgħu trinek qabel 10 snin.

## 47.15 Maratona

47.15.1Ġiet trattata l-email mibgħuta lis-Sindku dwar il-proposta ta' Maratona f'Għajnsielem. Il-proposta tgħid li l-maratona għandha issir nhar il-Hadd 12 ta' Mejju 2019 u l-prezz mitlub huwa dak ta' €2000, spejjes tal-akkomodazzjoni għall-atleti maltin u spejjes ta' gwardjani lokali. Is-Segretarja rreferiet ukoll ghal-fatt li intant giet avvicinata minn Joe Louis Xiberas, wiehed mill-organizzaturi biex jara kif bqajna rigward il-maratona u kkonfermatlu li ser tigi diskussa fil-jiem li gejjin fil-laqgha li jmiss pero gibditlu l-attenzjoni dwar id-data li taf li ser tkun problema peress li dakinhar jinserta Jum l-Omm.

47.15.2 Il-Kunsill ddiskuta din il-materja u kien hemm qbil li filwaqt li lkoll jappoġġjaw ħafna l-opportunitatjiet sportivi fil-lokal, u jaqblu ukoll mal-maratona nnifisha mhumiex jaqblu mad-data peress li dakinhar huwa jum l-Omm u xi ġimgħa qabel ser ikun hemm maratona oħra fix-Xagħra Għawdex. Il-Kunsill hassu ddisgustat ghal mod kif giet stabilita data meta qatt ma gejna kkonsultati. Il-Kunsill ma qabilx lanqas mal-prezz mitlub peress li l-ispiża total ser tammonta għal madwar €3000 li huma ħafna għall-attivita ta' dan it-tip. Is-Segretarja semmiet li meta ċċekjat ma' Kunsilli oħra li jorganizzaw maratoni ta' dan it-tip stqarrew li tiswilhom mal-€1000.

47.15.3Il-Kunsilliera qablu li għandhom jibgħatu email lill-organizaturi u filwaqt li nuruhom li naqblu mal-kunċett tal-maratona, nuruhom li ma aħniex naqblu mad-data u mall-prezz mitlub.

## 47.16 Laqgħa rigward il-problema ta' periklu ta' traffiku fi Triq Mġarr

47.16.1 Preżenti għal din il-laqgħa kien hemm is-Sur Charles Curmi rappreżentant tal-LESA, is-Sur John Xuereb - Assistent Direttur rappreżentant tal-Ministeru għal Għawdex, is-Sur Ruben Said rappreżentant ta' Transport Malta.

47.16.2 Waqt din il-laqgħa li ntalbet fuq talba tal-Kunsill ġiet imsejjħa sabiex il-problema ta' periklu fi Triq Mgarr kaġunata minn over-speeding u ostakli oħra li qed jikkagunaw bosta nċidenti f'din it-triq. Is-Sindku rrefera għal-laqgħat li saru anke mal-Ministru għal Għawdex fejn talbuna biex isir studju rigward il-ħtieġa ta' speed camera. Is-Sindku rrimarka li ma jistax jifhem kif Triq Mġarr hija triq arterja u li taqa taħt Transport Malta u Ministeru ghal Ghawdex u qed nintalbu ahna biex naghmlu r-rapport. Huwa semma' li ma aħniex nitolbu speed cameras biss iżda traffic measures oħra. Is-Sindku propona li għandu jsir proġett pilota mill-pulizija fi Triq l-Imġarr permezz tal-speed guns. Sabiex isir dan għandhom isiru s-sinjali tat-traffiku . Sar qbil li għandna nitolbu lil Transport Malta sabiex nistaqsu għal spezzjonijiet bil-gun akkumpanjati mit-tabelli.

47.16.3 Is-Sur Charles Curmi issuġerixxa li t-triq għandha tkun immoniterjatha bi spot checks mwettqa' mill-pulizija permezz ta' speed guns. Huwa spjega kif l-Speed guns huma aktar effiċenti mill-ispeed cameras għax is-sewwieqa ma jkunux jafu fejn ikunu stazzjonat bl-ispeed guns. Is-Sur Curmi wiegħed li minn naħa tiegħu ser jitlob sabiex ikun hemm aktar prezenza ta' gwardjani lokali matul din it-triq.

47.16.4Il-Viċi Sindku rrimarka li speed camera waħda mhi ser issolvi xejn iżda jinħtieġ li jsir pjan li jiġi applikat għat-triq kollha. Huwa enfasizza li t-triq hija nieqsa ħafna minn tabelli ta' speed limits u wkoll tabelli li jindikaw 'blind spot'. Huwa rrefera wkoll li l-Pelican Lights quddiem l-ispiżjar huma maqlugħin.

47.16.5Sar qbil li għandna nitolbu lis-Superintendent tal-Pulizija sabiex isir aktar infurzar u spezzjonijiet fi Triq l-Imgarr għax il-prezenza tal-Pulizija hija nieqsa ħafna.

47.16.6Is-Sur Ruben Said rapprezentant ta' Transport Malta enfasizza li apparti l-ispeed cameras hemm ħafna Traffic calming measures li jistgħu jiġu applikati f'din it-triq. Huwa rrefera għal fatt li l-Pelican Lights quddiem Ta' Dirjanu ġew approvati u ser jiġu nstallati ma jdumux. Is-Sur Said issuġġerixxa wkoll li jsiru road humps f'kull tarf tas-side streets li jagħtu għal Mgarr Road. Is-Sur Said stieden lill-Kunsill sabiex jakkumpanjah f'laqgħa mal-Perita Antoinette Conti dwar x'jista jiġi mplikat.

47.16.7Issemmew il-problemi li hemm fi Triq J F de Chambray u Triq il-Mogħdija xhin tiġi biex toħroġ għal Mgarr Road. Sar qbil li għandna nibgħatu l-email tat-tneħħija tal-bushes lil Transport Malta u li għandna nitolbu wkoll sabiex il-loading u l-unloading li qed isir quddiem Ta' Dirjanu jiġi limitat għal ġol-unloading bay biss u ma jiġux ipparkjati trakkijiet fil-kantuniera għax jostakolaw il-vista tas-sewwieq.

47.16.8Il-Kunsillier Peter Caruana ġibed l-attenzjoni wkoll għall-periklu li hemm x'hin wieħed joħroġ minn ħdejn 'Fuli Kiosk' għal Triq l-Imġarr.

## 47.17 Approvazzjoni tal-Pagamenti

47.17.1Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat l-iskeda tal-pagamenti għall-approvazzjoni. Il-pagamenti ġew approvati.

## 47.18 Materji oħra

47.18.1 Sar qbil li għandna norganizzaw ħarġa oħra għall-anzjani fi Frar.

47.18.2 Is-Sindku Franco Ciangura ressaq il-proposta li għar-Randan għandhom jinżammu xi attivitajiet f'Ta Passi. Huwa propona li ssir Via Sagra billi jsiru 14-il salib u fl-ghelieqi Ta' Passi nhawwlu l-ward biex l-għelieqi jiġu kkuluriti. Sar qbil li għandna nressqu din il-proposta lill-Ministeru għal Għawdex għal xi fondi.

47.18.3 Is-Sindku ressaq ukoll it-talba mingħand il-Birdlife biex nipparteċipaw magħhom fi progett Life Nature & Biodiversity. Il-Kunsill qabel li għandu jikkonferma l-interess li jipparteċipa fil-proġett u jibgħat id-dikjarazzjoni.

47.18.4 Il-kunsill qabel li għandna noħorġu tender ġenerali għar-resurfacing biex jintuża f'każijiet urġenti ta' ħtieġa ta' resurfacing ta' toroq.

## 47.19 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

47.19.1 Il-laqgha ntemmet fit-8:00pm u giet preseduta ghal nhar l-Erbgha 13 ta' Frar 2019 fit-3:30pm.

**Franco Ciangura**
**Sindku**

**Lucienne Haber**
**Segretarju Eżekuttiv**